



Arranġament ta' Ħidma bejn il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Ekwador



Arranġament ta' Ħidma bejn il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Ekwador

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“Eurojust”), irrappreżentata għall-finijiet ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma mis-Sur Ladislav Hamran, il-President tal-Eurojust; u

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, f'isem l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ekwador (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Ekwador) u rrappreżentat għall-finijiet ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma minn Diana Salazar Méndez, il-Prosekutur Ġenerali,

minn hawn 'il quddiem kollettivament imsejħa l-“Partijiet”, jew individwalment il-“Parti”,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI¹ (minn hawn 'il quddiem imsejħa “ir-Regolament dwar il-Eurojust), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) u (3), kif ukoll l-Artikolu 52 (1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Ekwador, u b'mod partikolari l-Artikoli 194 u 195 tagħha, li jistabbilixxu li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jidderieġi l-investigazzjoni proċedurali preproċedurali u kriminali soġġetta għall-prinċipji ta' opportunità u intervent kriminali minimu²,

Filwaqt li jikkunsidraw li l-Bord Eżekuttiv tal-Eurojust ġie kkonsultat dwar l-intenzjoni tal-Eurojust li tikkonkludi Arranġament ta' Ħidma mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ekwador fit-13 ta' Mejju 2024 u ta opinjoni favorevoli, u li l-Kulleġġ approva l-konklużjoni tiegħu fid-9 ta' Lulju 2024,

Filwaqt li jikkunsidraw l-interessi kemm tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ekwador kif ukoll tal-Eurojust fl-iżvilupp ta' kooperazzjoni mill-qrib u dinamika biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-preżent u tal-futur li tippreżenta l-kriminalità serja, b'mod partikolari l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu,

Filwaqt li jikkunsidraw l-għan li jiġi konkluż ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador dwar il-kooperazzjoni f'materji kriminali bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador,

Filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji kif riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u strumenti internazzjonali oħra relatati mad-drittijiet tal-bniedem.

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

¹ ĠU L 295, 21.11.2018, p.138. Dan ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 1–5) u bir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 (PE/74/2022).

² Art. 194 u 195 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Ekwador, R.O 449 10-20-2008, paġna. 39 - Emendata b': Emenda s/n (R.O. 653-S, 21-XII-2015); Riżoluzzjoni s/n (R.O. 181-S, 15-II2018); Emenda s/n (R.O. 377-3S, 1-25-2021); Emenda s/n (R.O. 568-3S, 30-V-2024).

KAPITOLU I - DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Skop u kamp ta' applikazzjoni

1. L-iskop ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Arranġament") huwa li tiġi mħeġġa u żviluppata kooperazzjoni strateġika bejn il-Partijiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Dan l-Arranġament ma jikkostitwix bażi legali għall-iskambju ta' *data* personali.
2. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha sseħħ fi ħdan il-mandat tal-Eurojust. Tista', b'mod partikolari, tinkludi:
 - (a) L-iskambju ta' informazzjoni legali, strateġika u teknika, inkluż riżultati ta' analiżi, informazzjoni rigward il-leġiżlazzjoni u l-prattiki kriminali sostantivi u proċedurali, id-diffikultajiet prattiċi, l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.
 - (b) L-istediniet reċiproċi għal avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u bini ta' għarfien dwar kwistjonijiet relatati mal-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom.
 - (c) It-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-ġustizzja kriminali billi tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ekwador.
 - (d) L-iżgurar ta' fehim reċiproku u familjarizzazzjoni mar-rekwiżiti f'kooperazzjoni fir-rigward tal-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu, inkluż fir-rigward tal-konklużjoni ta' fehim internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador, li jippermetti l-iskambju sistematiku ta' *data* personali operazzjonali.
 - (e) Skambju tal-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra l-forom l-aktar gravi ta' kriminalità.

Artikolu 2

Rabta ma' strumenti internazzjonali oħra

Dan l-Arranġament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu ieħor imġarrab skont it-termini ta' kwalunkwe fehim bilaterali jew multilaterali bejn l-Ekwador u l-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tagħha li fih dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

KAPITOLU II - METODU TA' KOOPERAZZJONI

Artikolu 3

Punt(i) ta' Kuntatt

1. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ekwador għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt wieħed jew aktar biex jikkoordina l-kooperazzjoni mal-Eurojust u jiżgura li l-informazzjoni tiġi kondiviża minnufih mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-Ekwador.
2. Din il-ħatra għandha tiġi nnotifikata kif dovut lill-Eurojust bil-miktub f'konformità mal-proċeduri interni tagħha. L-Ekwador għandha tinforma lill-Eurojust mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla rigward din il-ħatra.
3. Il-Eurojust għandha tistabbilixxi mekkaniżmi adegwati sabiex tiżgura li l-Punt(i) ta' Kuntatt ikollu/ikollhom mezzi effiċjenti biex jikkomunika(w) mal-Aġenzija dwar materji operazzjonali u strateġiċi.

Artikolu 4

Funzjonijiet tal-Punti ta' Kuntatt

1. Il-Punti ta' Kuntatt u l-Eurojust għandhom jiskambjaw informazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Arranġament mingħajr dewmien.
2. Il-Punti ta' Kuntatt jistgħu b'mod partikolari jintalbu biex:
 - (a) Jiżguraw komunikazzjoni ġenerali, inkluż dwar kwistjonijiet bħal appuntamenti, skambji strateġiċi, organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma, kif ukoll żjarat ta' korteżija u ta' studju;
 - (b) Iħaffu, jiffaċilitaw jew jikkoordinaw l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja, u jsegwu dwar l-istatus ta' talbiet speċifiċi, mingħajr preġudizzju għall-kanali ta' trażmissjoni previsti fi strumenti bilaterali jew multilaterali applikabbli bejn l-Ekwador u l-Istati Membri tal-UE kkonċernati;
 - (c) Jippermetti l-kuntatt dirett mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador;
 - (d) Jikkjarifikaw dispożizzjonijiet partikolari tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u jipprovdu pariri legali relatati mas-sistema legali tal-Ekwador;
 - (e) Jagħtu pariri dwar kif jiġu sottomessi talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja lill-Ekwador, inkluż f'każijiet urġenti;
 - (f) Jattendu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador f'laqgħat ta' koordinazzjoni u f'ċentri ta' koordinazzjoni organizzati fil-Eurojust f'każijiet li jinvolvu l-Ekwador u l-Istati Membri tal-UE;
 - (g) Jappoġġaw l-istabbiliment ta' u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador fi skwadri ta' investigazzjonijiet konġunti appoġġati mill-Eurojust;
 - (h) Jassistu fir-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' fil-qafas tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-Eurojust u l-Ekwador.

Artikolu 5

Funzjonijiet tal-Eurojust

Il-Eurojust tista' tiġi mitluba biex:

- (a) Tiffaċilita jew tikkoordina l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja, u ssegwi dwar l-istatus ta' talbiet speċifiċi, mingħajr preġudizzju għall-kanali ta' trażmissjoni previsti fi strumenti bilaterali jew multilaterali applikabbli bejn l-Ekwador u l-Istat(i) Membru/i tal-UE kkonċernat(i);
- (b) Tippermetti kuntatt dirett mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
- (c) Tikkjarifika dispożizzjonijiet partikolari tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tipprovdi pariri legali relatati mas-sistema legali tal-Istati Membri tal-UE;
- (d) Tagħti pariri dwar kif jiġu sottomessi talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja lill-Istati Membri tal-UE, inkluż f'każijiet urġenti;
- (e) Tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador f'laqgħat ta' koordinazzjoni u f'ċentri ta' koordinazzjoni organizzati fil-Eurojust f'każijiet li jinvolvu l-Ekwador;
- (f) Tappoġġa l-istabbiliment ta' u tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador fi skwadri ta' investigazzjonijiet konġunti appoġġati mill-Eurojust;
- (g) Tassisti fir-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' fil-qafas tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-Eurojust u l-Ekwador.

KAPITOLU III - SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 6

Skop u użu

1. L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet għandu jseħħ biss għall-fini ta' dan l-Arranġament kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) u f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tal-Partijiet.
2. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin, fil-mument ta' għoti tal-informazzjoni jew qabel, bl-iskop li għalih tkun qed tingħata l-informazzjoni u bi kwalunkwe restrizzjoni fuq l-użu, it-tħassir jew il-qerda tagħha, inkluż restrizzjonijiet possibbli għall-aċċess f'termini ġenerali jew speċifiċi. Fejn il-ħtieġa għal tali restrizzjonijiet tidher wara l-għoti tal-informazzjoni, il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin b'tali restrizzjonijiet mill-aktar fis possibbli.
3. L-użu tal-informazzjoni għal skop differenti minn dak li għalih tkun ġiet trażmessa l-informazzjoni għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni bil-quddiem tal-Parti emittenti.

Artikolu 7

Kunfidenzjalità

Il-Partijiet għandhom ikunu marbutin b'obbligu ta' kunfidenzjalità rigward informazzjoni li jirċievu fl-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament. Kwalunkwe restrizzjoni imposta mill-Partijiet jew mill-awtoritajiet nazzjonali tal-UE dwar l-użu tal-informazzjoni trażmessa għandha tiġi rispettata.

Artikolu 8

Trażmissjoni suċċessiva

1. Kwalunkwe informazzjoni riċevuta minn waħda miż-żewġ Partijiet skont dan l-Arranġament tista' biss tiġi trażmessa b'mod suċċessiv lil parti terza bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti emittenti u tkun soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni jew restrizzjoni indikata minn dik il-Parti.
2. Il-kunsens bil-miktub minn qabel mill-Parti emittenti ma japplikax meta l-informazzjoni tiġi kondiviża ulterjorment mill-Eurojust mal-korpi tal-Unjoni elenkati fl-Anness II għal dan l-Arranġament jew ma' awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni ta' reati serji.

KAPITOLU IV - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 9

Emendi

Dan l-Arranġament jista' jiġi emendat bil-miktub, fi kwalunkwe ħin, b'kunsens reċiproku bejn il-Partijiet.

Artikolu 10

Spejjeż

Kull Parti għandha tiegħu ħsieb l-ispejjeż tagħha stess li jistgħu jirriżultaw matul l-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament, sakemm mhux maqbul mod ieħor fuq bażi ta' każ b'każ.

Artikolu 11 **Solviment ta' tilwimiet**

1. It-tilwim kollu li jista' jfeġġ b'rabta mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan l-Arranġament għandu jiġi solvut permezz ta' konsultazzjonijiet u negozjati bejn il-Partijiet bil-għan li tinstab soluzzjoni ekwa.
2. F'każ ta' nuqqas serju ta' xi waħda mill-Partijiet li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Arranġament, jew jekk Parti tkun tal-fehma li tali nuqqas jista' jseħħ fil-futur qrib, kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' dan l-Arranġament temporanjament.

Artikolu 12 **Valutazzjoni tal-kooperazzjoni**

Mill-anqas darba kull sentejn, il-Partijiet għandhom jirrapportaw għand xulxin dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament u jipponu metodi għal titjib.

Artikolu 13 **Terminazzjoni**

1. Dan l-Arranġament jista' jiġi tterminat minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet b'notifika bil-miktub tliet xhur qabel.
2. F'każ ta' terminazzjoni, il-Partijiet għandhom jilħqu qbil skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Arranġament dwar l-użu u l-ħżin kontinwu tal-informazzjoni skambjata bejniethom. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil, kwalunkwe waħda mill-Partijiet hija intitolata li titlob it-tħassir tal-informazzjoni trażmessa.

Artikolu 14 **Dħul fis-seħħ**

Dan l-Arranġament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara l-iffirmar tiegħu mill-Partijiet. Dan għandu jkun validu għal tliet snin, li jistgħu jiġu estiżi awtomatikament u b'mod taċitu, sakemm waħda mill-Partijiet ma tikkomunikax mal-oħra r-rieda tagħha li titterminah f'konformità mal-Artikolu 13.

Magħmul f'The Hague, fl-10ta' Lulju 2024 f'żewġ kopji bl-Ingliż u bl-Ispanjol, u ż-żewġ testi għandhom validità ugwali.

Għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar- Għall-Eurojust
Repubblika tal-Ekwador

Diana Salazar Méndez
Il-Prosekutur Ġenerali

Ladislav Hamran
Il-President

Lista ta' Korpi tal-Unjoni
(L-Artikolu 8(2) tal-Arranġament)

Korpi tal-Unjoni li jistgħu jiksbu aċċess għall-informazzjoni (permezz tal-Eurojust):

- Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)
- Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)
- Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)
- Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)
- Missjonijiet jew operazzjonijiet stabbiliti skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, limitati għall-infurzar tal-liġi u l-attivitajiet ġudizzjarji
- Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)
- Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)
- Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)